# IL-QNIEPEN ŻGĦAR FIL-ĦAJJA TAL-MALTIN

*Minn Guido Lanfranco*

Minbarra l-qniepen tal-knejjes hemm ukoll il-qniepen żgħar li jgħaddulna messaġġi. Minn fost il-ħafna okkażjonijiet li fihom jintużaw il-qniepen żgħar se nagħżel biss uħud minn dawk li m'għadhomx jinstemgħu aktar.

## Għall-Erwieħ u għat-Tfal

Niftakar diversi nies li kienu joħorġu jiġbru biex isir quddies għall-erwieħ, b'mod ġenerali nhar ta' Tnejn, jum iddedikat għall-erwieħ, kif hu kkonfermat minn xi individwi li tagħhom għandi *recordings*. Nisma' 'l ommi tgħid li fix-xahar ta' Novembru kien jgħaddi raġel bil-qanpiena f'idu fit-triq u jibda sejjer: "Għall-erwieħ ta' San Girgor!..... Għall-erwieħ ta' San Girgor!....". Kienu joħorġu n-nies u jgħidu xi talba żgħira għall-erwieħ. (Mara – 30 sena – Żejtun, 9-xi-1994).

Niftakar sew, f'Ħal Luqa kien hemm saċerdot, nhar ta' Ħadd wara l-Quddiesa tal-għaxra kien joħroġ hu u abbati bil-qanpiena jdur mat-toroq jiġbor għall-erwieħ. Kulħadd kien itih xi sitt ħabbiet, jew sold, u f'Novembru kienu jagħmlu l-Quddies għall-erwieħ, aktarx fiċ-Ċimiterju stess. Dun Ġużepp Callus kien iqaddes, sa s-snin 1948/49. Min kien itemtem, min kien jieħu xi qatgħa, kienet tgħidli l-mamà, kienu jisquh mill-qanpiena ta' l-erwieħ. (Agnes Azzopardi – Ħal Luqa, 9-xi-1994).

Meta tarbija ma kinitx titkellem kienet tittieħed fi knisja u kienu jisquha mill-qanpiena ta' l-erwieħ. Kienet qanpiena żgħira; kienu jagħmluha fix-Xewkija. (Lawrence Camilleri – Xewkija, 22-iii-1995).

## Ma' l-Annimali

Fil-Qala kien hemm raġel li kuljum kien idur mar-raħal u miegħu kien ikollu muntun bil-qanpiena m'għonqu. Il-qanpiena kienet isservi biex in-nies kienu jkunu jafu li kien ikun għaddej dan ir-raġel bil-muntun, u biex min kien ikollu xi nagħġa biex jgħammarha kien idaħħal il-muntun ħdejn in-nagħġa. Lir-raġel kienu jħallsuh xi ħaġa żgħira.

Dawk li jmorru għall-kaċċa tal-fenek, minbarra l-klieb, jieħdu magħhom in-nemes. Lil dan kienu jdendlulu qanpiena m'għonqu biex meta l-fenek jiżgiċċa mill-klieb u jistaħba f'xi toqba jew qalb il-ġebel kienu joħorġu n-nemes li, bil-qanpiena tiegħu, ikunu jafu fejn hu u l-klieb ikomplu jsegwuh.

Dawk li jbiegħu l-ħalib bil-merħla tal-mogħoż kienu jdendlu qanpiena m'għonq il-mogħża favorita tagħhom biex meta jkunu għaddejjin jingħarfu minn merħliet oħra. Din il-qanpiena kienu jsejħulha *sansarra* jew *sansarru*. Tkun tal-landa, f'forma ta' qanpiena, bl-ilsien magħmul minn biċċa għadma. Is-*sansarra* kien hemm min ineħħiha minn m'għonq il-mogħża fil-Ġimgħa l-Kbira, meta l-qniepen tal-knejjes ukoll kienu jkunu siekta.

Meta kien hawn jaħdmu l-imtieħen tar-riħ it-taħħân kien joħroġ biż-żiemel u l-karettun, biex jiġbor il-qamħ mingħand min kien ikun irid jitħan. Biex kienu jkunu jafu li kien ikun għaddej kien ikollu qanpiena żgħira mdendla m'għonq iż-żiemel, li kienet iddoqq ma' kull pass. Taħħâna oħrajn kienu jibqgħu fil-mitħna, u n-nies kienu jġibulhom il-qamħ.

## Għall-Mejtin u fl-Oqbra

L-użu tal-kamra mortwarja, fejn jinżammu l-mejtin qabel ma jgħaddu l-erbgħa u għoxrin siegħa qabel id-difna, daħal fis-seħħ fl-1880. F'dik li ħejjew fl-iSptar Ċentrali tal-Furjana kellhom arranġament ta' spag imqabbdin ma'

truf l-idejn u s-saqajn tal-mejjet u marbutin ma' qanpiena żgħira li, jekk ikun hemm l-inqas taħrika tibda ddoqq. Din il-kamra tal-Furjana ma baqgħetx tintuża aktar meta saret dik taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Waħda mara qalet: Meta kelli n-nanna tiegħi ħajja kienet tirrakkontali li, fi żmien meta kien ikun hemm xi mejjet fil-kamra taċ-ċimiterju stess, kienu jorbtulu qanpiena, la naf ma' jdejh u anqas ma' saqajh, biex meta jistrieħ u jkun għadda ċertu ħin u l-għadam ikun faqqa', din iċċempel, u kienu jinżlu jagħmlulu l-għatu. Tgħid ukoll li darba, meta wieħed niżel għax sema' l-qanpiena ċċempel, sab lill-mejjet bilqegħda, u ħa qatgħa tal-ġenn .... Għax il-persuna li kien hemm kienet għadha ma mititx. Tgħid li kienet tafu, u li dam ma tkellem żmien. (17-xi-1993).

Meta fl-1780 id-Dumnikani tal-Belt kellhom jaqalgħu l-oqbra tal-kripta, is-Soċjetà Medika Rjali ta' Pariġi bagħtet diversi pariri lill-Gran Mastru. Fost il-pariri kien hemm li min jitniżżel fil-qabar irid iżomm qanpiena żgħira f'idu, waqt li jniżżluh bil-ħabel ma' qaddu, biex ma' l-inqas sinjal ta' periklu jdoqqha u jerġgħu jtellgħuh. Dawk li kienu jiġbru l-mejtin fil-pesta kienu jdoqqu qanpiena biex javżaw li kienu jkunu ġejjin.

## Fil-Films, Ċinema, Silent u Talkies

Il-Belt, qabel ma kien jibda l-film, kien ikun hemm raġel bil-qanpeina f'idu, u kien idoqqha quddiem il-bieb biex jistieden lin-nies jidħlu, u kien jgħajjat: Għaddu għax se jibda!..... Għaddu għax se jibda! Ieħor qal: Niftakar is-*silent films*, ċinema, f'Birkirkara ... Kienu jagħmlu kartelluni f'forma ta' piramida, wieħed kien jidħol f'nofs il-kartelluni u, bil-qanpiena f'idu, kien idur ma' Birkirkara, jgħajjat: "Illejla se jibda!..... Illejla se jibda! (Ta' 71 sena- Birkirkara, 21-ix-1995).

Meta kont immur is-Sależjani, f'Tas-Sliema, fis-snin erbgħin, nhar ta' Ħadd sikwit kienu juruna xi bċejjeċ tal-films. Dun Karm Fenech kien dejjem ikun bil-qanpiena f'idu biex iżomm l-ordni. Iżda meta kien jibda l-film kien joqgħod quddiem it-tieqa tal-*projector*, u malli kien jissuspetta li kienet tkun se tidher xi bewsa jew xi tfajla liebsa xi ftit imqaċċta, taparsi bl-iskuża li jsikket xi tfal, kien iqum bilwieqfa jdoqq il-qanpiena quddiem il-*projector*. Sadattant, kien jgħatti l-istampa, u minflokha kienet tidher idu, jew rasu kbira u sewda, silwett fuq il-liżar!

Xi ħaġa simili kienet tiġri fl-Oratorju tas-Sależjani ta' Birkirkara, kif qal wieħed li kien imur hemm: Fl-Oratorju ta' Birkirkara, xi ħamsin sena ilu, Toni Chetcuti dak iż-żmien, kien ikollu qanpiena kbira f'idu u, kif qed tgħid int, malli kienet tidher xi waħda naqra skullata jew xi bewsa, b'dil-qanpiena kien iġenġel l-Oratorju. (Ninu Borg – Birkirkara, 20-ix-1995).

## F'Okkażjonijiet oħra

Sfortunatament, sa minn dejjem, kultant issib xi omm fqajra u xortiha ħażina li ma kinitx tkun tista' żżomm tarbija tat-twelid, u f'ħin ta' disperazzjoni kienet tabbandunaha fuq l-għatba ta' xi kunvent. Fi żmien l-Ordni, bħala att ta' ħniena f'okkażjonijiet bħal dawn, mal-ġenb ta' l-isptar tal-Kavallieri fil-Belt u mal-faċċata ta'l-isptar 'Santu Spirtu' fir-Rabat, kienu għamlu bħal tieqa li fiha, fis-satra tal-lejl, kienet titiqiegħed it-tarbija f'kaxxa ddur 'il ġewwa, bħal girandola, jgħidulha r-'rota', u kif iddur kienet tmiss ma' qanpiena biex iddoqq. Dak li jkun kien jitlaq u t-tarbija kienet tinġabar min-nies ta' l-isptar, li kienu jieħdu ħsiebha.

Mhux l-ewwel darba li kien jintilef xi tifel ċkejken. Il-ġenituri kienu jqabbdu xi banditur li kien idur mat-toroq bil-qanpiena f'idu, jgħajjat biex min isib it-tifel jieħdu għand niesu. Sa minn qabel żmien l-Ordni tal-Kavallieri kien ikun hemm il-banditur. Dan kien joħroġ jgħajjat l-avviżi li kienu jqabbduh in-nies, u ukoll kien jaqra xi bandu jew avviż tal-Kunsill tal-Gvern ta' l-Imdina. Għal avviżi importanti kien ikollu lil xi ħadd miegħu jdoqq il-qanpiena jew it-tanbur, biex in-nies tinġabar madwaru u tisimgħu.

Minn diversi anzjani smajt li xi nies tal-kampanja, biex jindunaw jekk telax xi ħadd fuq il-bejt tagħhom bil-lejl, kienu jagħmlu qanpiena żgħira marbuta ma' xi ħajtiet, b'mod li jekk jintlaqtu, il-qanpiena kienet iċċempel l-allarm.

Fi żmienna għandna l-qniepen ta' l-elettriku

għall-bibien ta' barra. Iżda qabilhom id-djar kellhom il-ħabbâta tal-ħadid, tar-ramm jew tal-bronż, artistika jew sempliċi, skond il-mezzi ta' min kien ikun joqgħod fid-dar. Iżda minbarra l-ħabbâtiet kien hawn ħafna djar bil-qanpiena fuq ġewwa, li ddoqq meta xi ħadd jiġbed il-maqbad tal-metall jew taċ-ċaqquf li jkun imdendel barra l-bieb. Tfal imqarbin kienu ta' sikwit iċemplu l-qanpiena tal-bieb tan-nies, u jitilqu jiġru jistaħbew.

Fid-djar tas-sinjuri kien ikun hemm ukoll qniepen żgħar li kienu jinġibdu b'żigarella biex jissejħu l-qaddejja. Dawn il-qniepen kienu komuni wkoll fis-seklu dsatax, b'mod speċjali fejn kienu joqogħdu l-Ingliżi. Meta Fra Diegu kien marid kienu poġġewlu qanpiena ċkejkna biex, jekk kien jinqalagħlu xi ħaġa kien isejjaħ lis-soru li kienet iddur bih. Fl-14 ta' Mejju 1902 daqqhielha fis-siegħa ta' bil-lejl, u marret tgħinu; iżda matul il-jum kompla sejjer għall-agħar u miet wara nofs inhar.

Waħda mara qalet: Kien jilbes bħalma jilbsu dawk tal-Ġimgħa l-Kbira: bil-barnuża, mgħotti. Kien ikollu xi qanpiena f'idu u ġieli kien ikollu lil xi ħadd miegħu, jgħajjat: "Għall-imgħallqin!..... Għall-imgħallqin! U kulħadd kien itih xi ħaġa. (30-xi-1994). Dan kien membru tal-Fratellanza tar-Rużarjanti, li hemm għand id-Dumnikani l-Belt, li kienu jiġbru għall-Quddies għal min kien ikun ikkundannat għall-mewt u għall-bżonnijiet tal-familja tiegħu.

Fid-djar ta' xi familji kien ikun hemm qanpiena żgħira li kienet tintuża b'superstizzjoni waqt xi maltempata bir-ragħad u s-sajjetti. Kienu jdoqqu bil-mod il-qanpiena għax kienu jemmnu li l-qniepen kellhom is-setgħa jkeċċu l-ħażen. Hekk kien jagħmel ukoll is-sagristan, iżda dak kien idoqq il-qniepen tal-knisja. Kienu wkoll jindaqqu qniepen ta' l-idejn fit-toroq meta kienet tingħata xi skomunika.




Ta' Palma
confectionery

Yorick Mallia

Palm Street, Paola
Mobile: 7948 7631